# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **16 TA' DIĊEMBRU 2018**

## Novena tal-Bambin

Inkomplu l-mixja tagħna tan-novena tal-Bambin wara l-quddiesa tas-7:00am li din is-sena qed nirriflettu fuq personaġġi differenti li ħejjew it-triq għat-twelied ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-quddiesa tas-6:00pm matul in-novena tkun animata mill-Kummissjonijiet, Għaqdiet u Gruppi differenti tal-Parroċċa tagħna.

Is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 huwa l-1 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018, it-2 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u mill-Gruppi tal-Armar u n-Nar.

It-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018, it-3 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Grupp Santa Marta u mill-Voluntiera tal-Parroċċa.

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018, ir-4 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Djakonija.

L-Erbgħa 19 ta' Diċembru 2018, il-5 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Katekisti u t-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar.

Il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018, is-6 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mis-Soċjetà tal-Museum.

Il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2018, is-7 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Fratelli tal-Parroċċa tagħna.

Is-Sibt 22 ta' Diċembru 2018, it-8 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.30pm quddiesa animata mill-Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni.

Il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018, id-9 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Liturġija.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 fil-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Għada l-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018 fis-6.00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**

It-Tlieta 18 ta' Diċembru 2018 bejn is-7.00pm u d-9.00pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**

Il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li nagħtalhom din is-sena mill-Mużew jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin**

Il-Membri tal-Museum iħeġġukom sabiex tipparteċipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir it-Tnejn 24 ta' Diċembru 2018. Il-purċissjoni se tibda fis-5:45pm minn Triq Għaxqet l-Għajn, in-naħa taż-Żonqor. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali Sant'Anna fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

**Lejlet il-Milied**

It-Tnejn 24 ta' Diċembru 2018, Lejlet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali u jkollna programm imtella' mill-membri tal-Museum, imbagħad il-quddiesa tat-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-priedka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am.

**Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am)**
Għall-Quddiesa tal-Milied (ta' 12:00am) inħeġġu lit-tfal sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa.

***New Year's Eve Party***
It-Tnejn 31 ta' Diċembru 2018 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**
Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

***Christmas Logs* u *Mince Pies***
Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru *Christmas Logs* u *Mince Pies* minn fuq iz-zuntier.